MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 122/2002

**Aqualite Ltd.**

**vs**

**Graceland Co. Ltd.**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Ghid inti konvenuta ghaliex ma ghandekx tigi kundannata thallas l-ammont ta’ sitt mija hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm625) ammont bilancjali dovut minnkom ghal xoghol ta’ electrician u plumbing imwettaq mis-socjeta’ attrici fuq struzzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta; inkluz f’dan l-ammont it-taxxa fuq valur mizjud relativa ghax-xoghol kollu.

Bl-interessi fuq din is-somma b’effett mid-data tal-invoice sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza, kif ukoll l-ispejjez tal-ittra interpellatorja tad-29 ta’ Awissu 2002 u tat-2 ta’ Ottubru 2002.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti imsejjha.”

Ra r-risposta:

1. “Illi s-socjeta’ konvenuta hija residenti Malta u ghalhekk qeghda prezenzjalment tinvoka favur taghha il-privilegium fori a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 767 et seq. tal-Kapitolu 12.

2. Illi fil-meritu t-talba tas-socjeta’ attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjez billi kif sejjer jirrizulta fil-kors tas-smiegh tal-provi ma hija pagabbli l-ebda somma bilancjarja lis-socjeta’ attrici, stante illi l-ammont pagabbli lis-socjeta’ attrici skond dak originarjament miftiehem bejn il-kontendenti li gie imhallas in toto.”

Sema’ x-xhieda prodotti mill-partijiet kontendenti u qara d-dokumenti esibiti;

Jirrizulta mill-provi li l-unici invoices li nhargu mis-socjeta’ attrici kienu dawk esebiti, u illi Dok GDC 3 kien biss *working sheet* u mhux invoice u ghalhekk ma kienx jinkludi l-VAT kif del resto s-socjeta’ attrici gharrfet lis-socjeta’ konvenuta. Skond din il-working sheet, it-total dovut eskluz il-VAT kien ta’ LM1999.64 izda milli jidher wara li saru xi aggustamenti dwar il-kalkolu tax-xoghol effettivament esegwit, l-ammont totali, inkluz il-VAT gie circa LM50 inqas u cioe’ LM1950.16 li minnhom thallsu pagamenti akkont.

Jirrizulta wkoll illi dwar l-intercom, is-socjeta’ attrici kienet inkarikata biss mis-socjeta’ konvenuta u mhux ukoll minn terzi persuni. Tajjeb jigi osservat li a tenur tal-ligi li tirregola l-proceduri quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar, galadarba s-socjeta’ konvenuta dehrilha li kien hemm terzi persuni li wkoll riedu jhallsu parti mill-ammont

pretiz, din kellha l-obbligu li tikkjamahom fil-kawza hi stess. – u dan bla htiega li taghmel talba appozita lit-Tribunal – haga li naqset milli taghmel. Skond art 6 tal-A.L. 145 tal-1995 kif sussegwentement emendat, jekk il-konvenut jidhirlu li ghandu jkun hadd iehor li jhallas it-talba, huwa ghandu jindika fir-risposta tieghu min hi dik il-persuna l-ohra li ghandha thallas it-talba kollha jew parti minnha; u sahansitra tobbligah li jinnotifika lil tali terzi. Dan l-obbligu imbaghad huwa migjub ghall-attenzjoni tal-konvenut fuq il-formola numru 2 u cioe' formola ghar-risposta mahruga permezz tal-Avviz Legali 168 tal-1995. Hemm ukoll Formola 6 li hija Avviz lit-Terza Persuna li l-konvenut irid jiehu hsieb li jimla'.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fis-somma ta' LM625 komputata kif spjegat waqt is-smigh tal-kawza, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tad-29 t'Awissu 2002 u tat-2 t'Ottubru 2002 a kariku tas-socjeta' konvenuta u bl-imghax legali mid-data tal-invoice sad-data tal-eventwali hlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------